# Il-Ħuttafa

## Il-magażin ta' Klabb Ħuttaf




Numru 82 L-14-il sena Settembru - Ottubru 2007

# 2 mazzarelli ġodda!




Arnold Sciberras



ara pġ 6

Jgħidu li Malta m'għandniex natura! Imma jekk ilkom ftit fil-Klabb tafu li kemm-il darba f'*Il-Ħuttafa* nħabbru li xi naturalist sab xi ħaġa ġdida. Daqqa tkun xi pjanta, daqqa brimba, daqqa farfett (bħalma ġibna fl-aħħar ħarġa tal-magażin). Did-darba għandna żewġ mazzarelli li sabhom riċenti l-ħabib tagħna Arnold Sciberras.

Wieħed huwa l-**mazzarell vjola** (violet dropwing *Trithemis annulata*) li nstab fl-inħawi tal-kumpless tad-Daniżi u fir-riserva ta' l-Għadira. Dis-sena l-popolazzjoni ta' din l-ispeċi żdiedet f'salt u nstabet tbejjet f'diversi widien u ġonna pubbliċi.

Mazzarell ieħor huwa l-**mazzarell mislut** (long skimmer *Orthetrum trinacria*), li nstab l-ewwel darba fl-inħawi ta' l-Għadira ta' Sarraflu f'Għawdex. Dal-mazzarell diġà nfirex m'Għawdex kollu u issa nstab anke f'xi widien f'Malta.

Arnold qalilna li jekk ikomplu jinfirxu b'dir-rata dawn iż-żewġ speċi jistgħu anke jieħdu post mazzarelli li kien hawn qabilhom!




Arnold Sciberras





żring
ritratt ta' Arnold Sciberras

## x'għandna?


aħbarijiet 2
editorjal 3
X'għandna mid-dinja? 4
X'se naraw? 5
ħarġa • kulur • poeżija 6
gallerija 7
iċ-ċipress 7
Falko 8
ALJENI! 9
Nilagħbu tikka 10
Daħħal membru 10
aktar aħbarijiet 11
Ktieb Ġdid 12


editorjal

# ĦEJ Ħuttaf!




Victor Falzon

Ma nafx intom imma lili s-sajf iraqqadni! Mn'alla tidħol il-ħarifa biex nerġgħu nqumu fuq tagħna u nneħħu l-ħedla tas-sajf.

Ħafna għasafar ilhom li neħħewha l-ħedla u passew lejn l-Afrika. Xi għasafar jibdew ipassu anke f'Lulju, speċjalment dawk li ma jkunux bejtu u allura ma tantx ikollhom x'jagħmlu. Aħna hawn Malta malajr nindunaw li tkun bdiet il-passa għax minn Malta jgħaddu miljuni ta' għasafar. Pajjiżna huwa waħda mill-highways tal-passa. Għaliex tgħid? X'għandha Malta speċjali li jiġbed lill-għasafar?

Li għandha speċjali hu li qiegħda f'parti dejqa tal-Baħar Mediterran. Ħafna għasafar jibżgħu jtiru minn fuq il-baħar għax ma jkunux jistgħu jinżlu jistrieħu. Għalhekk biex jaqsmu l-Mediterran ħafna minnhom jgħaddu jew minn Spanja (fil-punent) jew mit-Turkija (fil-lvant) għax hemmhekk il-Mediterran jagħlaq kważi għal kollox. Ħafna jgħaddu wkoll min-nofs tal-Mediterran, għax l-Italja, Sqallija u Malta jservuhom ta' pont.

Ħafna għasafar li jżuru Malta fil-passa jdumu biss ftit sigħat jew ġranet, kemm jistrieħu, jorqdu raqda u forsi jieklu xi ħaġa - bħal karozzi li spiċċalhom il-fjuwil u jieqfu fil-pompa biex jerġgħu jimlew it-tank!

Ċaw ċaw ħbieb u żommu s-sensi kollha miftuħin għan-natura

Victor

**Victor Falzon** L-Editur

mal-faċċata



Ix-**xorbett** (golden samphire *Limbardia crithmoides*) hija pjanta li tikber viċin ix-xtut. Tagħmel weraq qishom swaba' li fihom taħżen l-ilma matul ix-xitwa biex imbagħad fin-nixfa tas-sajf ikollha x'tixrob. Fil-ħarifa (bħalissa) x-xorbett jagħmel ħafna fjuri sofor. Il-fjuri tax-xorbett qishom tal-lellux imma iżgħar u bil-petali iktar irqaq. Dil-pjanta tarmi riħa li tfakkrek fil-baħar, u mid-dehra l-insetti togħġobhom dir-riħa għax ix-xorbett iżuruh ħafna naħal, żnażan, ħanfus u friefet. (Ritratt ta' Victor Falzon)


**Il-kumitat ta' Klabb Ħuttaf**
Jason Aloisio, Matthew Borg Cardona, Desirée Falzon, Sylvia Falzon, Victor Falzon u Kathleen Mamo.



indirizz **BirdLife Malta, 57/28 Triq Abate Rigord, Ta' Xbiex XBX 1120** tel **21347644 / 21347645**
imejl **info@birdlifemalta.org** imejl tal-magażin **il-huttafa@birdlifemalta.org** websajt **www.birdlifemalta.org**


**Klabb Ħuttaf** huwa t-taqsima ta' BirdLife Malta għall-membri ta' taħt it-18. Norganizzaw ħarġiet fil-kampanja, żjarat f'riservi naturali, u nagħmlu xogħol ambjentali. Noħorġu l-magażin *Il-Ħuttafa* kull xaharejn għall-membri, u nagħmlu ħendawts u logħob għal waqt xi attivitajiet. Sħubija fi Klabb Ħuttaf hija Lm3 (€6.99) fis-sena.

Klabb Ħuttaf


Sakemm mhux speċifikat mod ieħor, l-isem BirdLife f'dal-magażin jirreferi għal BirdLife Malta. Materjal mill-magażin jista' jiġi kkupjat sakemm mhux għal skop kummerċjali u basta jissemma' isem il-magażin u tintbagħat lill-BirdLife kopja tal-materjal fejn ġie kkupjat.


Publikazzjoni BirdLife Malta, Ottubru 2007 • Disinn u produzzjoni Victor Falzon • Stampat għand Poulton's Print Shop




# Aħbar tajba għall-**kondor**




Lil Arnold Schwarzenegger forsi tafuh minn films famużi bħal The Terminator u Kindergarten Cop. Imma llum Schwarzenegger huwa l-Gvernatur ta' California, l-iktar stat sinjur fl-iStati Uniti. Għalkemm qiegħed fil-gvern tal-President George Bush (li xeba' jikkawża diżastri ambjentali), Schwarzenegger qiegħed fuq quddiem fil-ġlieda favur l-ambjent, u ġmielu jgħaddi liġijiet kontra t-tniġġis u l-*global warming*.

Issa ħareġ liġi ġdida, li fiha l-kaċċaturi ma jistgħux jibqgħu jużaw ċomb fl-iskrataċ. Iċ-ċomb huwa velenuż u meta jispiċċa fl-art, spiss isibuh l-annimali, jibilgħuh u jmutu. Fost dawn il-vittmi hemm il-kondor kalifornjan.

| | |
|---|---|
| **isem** | CALIFORNIA CONDOR *Gymnogyps californianus* |
| **fejn jgħix** | fil-punent ta' l-Amerka ta' Fuq |
| **ħabitat** | wesgħat b'foresti jew makkja, spiss qalb irdum u għoljiet. |
| **tul** | sa 135ċm |
| **fetħa** | xi 280ċm |
| **lewn** | iswed b' żewġ faxex bojod |
| **ikel** | fdalijiet ta' annimali mejtin |
| **problemi** | kaċċa, ivvelenar |
| **status** | rarissmu u fil-periklu li jinqered |

Il-**kondor kalifornjan** huwa tajra kbira li ftit snin ilu kważi spiċċa mid-dinja - fl-1987 kien baqa' biss sitta fis-selvaġġ! L-ambjentalisti bdew proġett kbir u għali immens biex irabbu l-frieħ ta' dit-tajra u jitilquhom fis-selvaġġ. Wara ħafna sforzi, spejjeż u anke qtigħ il-qalb, il-kondor irnexxielhom isalvawh u ftit ftit l-ispeċi qed terġa' tieħu r-ruħ u n-numru diġà tela' għal xi 70. Imma xorta xi kondor għadhom imutu vvelenati biċ-ċomb li jibilgħu. Issa bil-liġi l-ġdida l-kondor issolvietlu problema kbira. Mhux ta' b'xejn li l-Audubon Society (il-BirdLife fl-iStati Uniti) ferħana se ttir.

Viva t-Terminator!

# Mabira salvata



Il-gvern ta' l-Uganda ħassar pjanijiet li kellu biex jeqred il-MABIRA rainforest. Dil-foresta hija kbira 300km$^2$, jiġifieri kważi daqs il-Gżejjer Maltin. Ilha mħarsa mill-1932, imma l-gvern t'hemm xorta kien iddeċieda li jbigħha biex l-art tinżera' għall-biofuel.

Il-poplu ta' l-Uganda xejn m'għoġbitu l-idea u saru protesti kbar li fihom anke mietu n-nies. Barra l-protesti, il-gvern irċieva wkoll kważi 2 miljun imejl minn 111 pajjiż differenti! U fl-aħħar ħa pass għaqli... u ċeda!

F'Mabira jgħixu ħafna annimali rari, fosthom għasafar, mammiferi (inkluż xadini rari bħall-crested mangabey *Lophocebus ugandae*), rettili u insetti. Il-foresta tiġbed ukoll lejha ħafna turisti li jfittxu l-ġmiel naturali tal-pajjiżi li jżuru.

# X'se naraw?

**Jason Aloisio** jgħidilna kif naraw u nagħrfu l-għasafar






Bħal daż-żmien ipassu l-**borok** (papri slavaġ), l-aktar minn fuq il-baħar. Kultant niltaqa' ma' tfal li jistagħġbu meta ngħidilhom li l-papri jtiru. Fil-fatt il-papri slavaġ għandhom titjira b'saħħitha u veloċi ħafna. Fiż-żewġ riservi tal-BirdLife, L-Għadira u s-Simarm spiss jitfaċċaw xi waħdiet jew xi qatgħa żgħira borok. Nagħtu daqqa t'għajn lejn tnejn minnhom.

## il-palettuna

shoveler *Anas clypeata*

Mhix xi borka komuni, imma faċli tagħrafha. Għandha l-munqar kbir u ċatt tant li jagħtiha dehra mhux tas-soltu. Dan tużah biex tferkex bih fit-tajn u l-ilma minn fejn issib x'tiekol. Ir-raġel għandu rasu u għonqu ħodor, għalkemm f'xi żminijiet jidhru suwed. Fil-palettuna jispikkaw ukoll l-għajnejn sofor. Il-mara, bħall-bqija tal-borok nisa, tkun kannella.

Jekk tinzerta xi par l-Għadira jew is-Simar, tarahom dejjem flimkien, qishom qed jibżgħu li jitilfu 'l xulxin!

(*Għasafar Madwarna* p 13)

## is-sarsella

teal *Anas crecca*

Mill-iskars immorru għall-komuni, għax is-sarsella tidher fi qtajjiet kbar, s'intendi l-aktar fuq il-baħar. Fir-riservi ta' l-Għadira u s-Simar mhux daqshekk diffiċli li tinzerta xi waħda jew qatgħa żgħira. Is-sarsella hija l-iżgħar borka li tidher f'Malta. Fi żmien in-namra r-raġel ikun sabiħ ferm, b'rasu ħadra u maskla ħadranija. Qrib denbu jkollu dabra kbira ta' lewn isfar jgħajjat. Fil-ħarifa jkun kannella bħall-mara, għalhekk jintgħaraf mid-daqs (mhux wisq ikbar minn ħamiema) u l-faxx aħdar ileqq mal-ġenb tal-ġwienaħ.

(*Għasafar Madwarna* p 11)




L-istampi t'hawn fuq meħudin mill-ktieb ***Għasafar Madwarna*** (fil-ktieb qegħdin bil-kulur). Il-BirdLife ħarġet dal-ktieb apposta għal min irid jibda l-berdwoċing minn età żgħira. Fih tagħrif sempliċi fuq 100 għasfur, u stampi bil-kulur minn qoxra sa qoxra. U jiswa **Lm2.05** (€4.78) biss! Jekk għad m'għandekx... x'qed tistenna? Ċemplilna fuq 21347644/5 u ordna wieħed.

ħarġa

# Tafu fejn hu **Wied Qannotta?**

Wied Qannotta qiegħed bejn il-Mosta u l-għolja tal-Wardija, jiftaħ ħdejn Burmarrad u jibqa' sejjer is-Salini. Issa li tafu fejn hu, tajjeb li tmorru s'hemm. Mela għax ma tiġux magħna! Għax dil-ħarifa aħna tal-Klabb sejrin passiġġata f'dawk l-inħawi biex napprezzaw l-għasafar u n-natura. Narawkom!


**kuda** - (wheatear) għasafur li għandna mnejn naraw

Sean Gray

data: il-Ħadd **25 Novembru 2007**
niltaqgħu: ħdejn Scotts ta' **Burmarrad**
ħin: **8.30am**
niġu lura: xi 11.30am jew nofsinhar
età: membri kollha merħba

# poeżija

## Klabb Ħuttaf

Jiena membru fi Klabb Ħuttaf,
Fejn tgħallimt nofs dak li naf.
Fuq is-siġar u l-fjuri,
Imżewqin bl-isbaħ kuluri.

Attivitajiet nagħmlu bil-posta,
Kemm qalb il-kampanja u kemm qrib il-kosta.
Nieħdu ħafna pjaċir u gost,
Fejn nibqgħu imbellha bil-meravilja ta' kull post.

Ħarġa minnhom kienet fuq iċ-ċief,
Li msieken, ġieli jeħlu ma' xi xlief.
Għalhekk fuq il-baħar, lejn Għawdex morna,
Fejn l-irdum Ta' Ċenċ kollu dorna.

Iċ-ċief, filgħodu fuq il-baħar ikun idur,
U malli jara xi ħuta lejha jmur.
Jgħaddas rasu fl-ilma biex jaqbad il-ħuta,
Li ġieli tkun bajda karti u ġieli sewda tuta.

Fil-bidu rajniehom 'l hemm u 'l hawn imferrxin,
Iżda x'ħin ersaqna lejhom kienu ħafna u ma kinux imgerrxin.
Filli jtiru u filli bil-qiegħda,
Fejn iħares lejhom, kulħadd heda.

**Jacqueline Licari**

# kulur


Victor Falzon

**L-Għasfur ta' San Martin** (kingfisher) huwa żgħir fid-daqs imma kbir fil-kulur! Jekk tixtieq tara wieħed aqbeż qabża sas-Simar jew sa l-Għadira, u bi ftit paċenzja, u jekk tkun b'xortik għandek tara wieħed...

Biex tagħti kulur lill-istampa, ara pġ 2.

# friefet


Desirée Falzon

Żommu għajnejkom miftuħin għall-friefet tal-ħarifa, speċjalment għall-farfett **tal-kromb, tal-ħurrieq, tal-kaboċċi, tas-silla** u dan tar-ritratt: il-**farfett tax-xewk.**



Ibagħtulna **tpinġijiet** jew **ritratti** naturali tagħkom ħalli nġibuhom fil-GALLERIJA.



**bies**
Graziella Mamo 17



**russett tas-sigar**
Dorianne Dalli 11



**gamiema**
Gabriel Micallef 10



**farruġ**
Daniel Mallia 7



**brimba**
Jake John Mizzi 10



**daqquqa tat-toppu**
Pamela Bezzina 10



**għasfur tal-belt**
Daphne Xuereb 14



**seqer**
Owen Spiteri 7



**platipus**
Gabrielle Cachia 9



**pitirross**
Andrew Wait 9

# Bl-Għeruq u x-Xniexel

## Ħarsa lejn is-siġar Maltin

# iċ-ċipressa *Cupressus sempervirens*

ITALIAN CYPRESS, MEDITERRANEAN CYPRESS



Desirée Falzon

Iċ-ċipressa hija waħda mill-erba' siġriet koniferi Maltin li jikbru f'pajjiżna. It-tlieta l-oħrajn huma l-GĦARGĦAR, il-ĠNIEPRU u ż-ŻNUBER.

Iċ-ċipressa għandha żewġt forom ewlenin: waħda jgħidulha TAL-MUSMAR, li għandha forma piramidali, u l-oħra jgħidulha TAL-MIFTUĦ għax dlielha huma aktar mimdudin u tifforma tinda wiesgħa. Il-weraq huwa żgħir ħafna, imħaxken mal-fergħa u tant huwa aħdar skur li fix-xemx kważi taħsibha sewda. Il-prinjoli huma forma ta' blalen li meta jinfetħu jwaqqgħu żerriegħa żgħira.

Din is-siġra hawn min jgħidilha wkoll TAL-MILIED. Jgħidulha hekk għax qisha siġra tal-Milied u fil-fatt spiss tiżżejjen għall-Milied. Dnub li għadek issib xi boloh li kif joqrob il-Milied imorru jaqtgħu xi ċipressa - li min jaf kemm snin damet biex kibret - biex 'iżejnu' biha għal ftit jiem. Li taqta' ċ-ċipress huwa kontra l-liġi għax dis-siġra ilha mħarsa mill-1949.

Jgħidulha wkoll TAĊ-ĊIMITERJU. Dan għaliex fil-kultura Greko-Rumana ċ-ċipressa hija simbolu tal-qawmien mill-mewt. Għalhekk fiċ-ċimiterji dis-siġra tħawlu ħafna minnha, speċjalment il-forma Tal-Musmar. Dan ġara mal-Mediterran kollu, inkluż fiċ-ċimiterji Malta. Anke fiċ-ċimiterju ta' Kemmuna hemm erba' ċipressiet!



Desirée Falzon

L-injam taċ-ċipress kien jintuża għall-bini tax-xwieni u tad-djar kif ukoll ta' l-għamara tad-djar peress li hu b'saħħtu, ifuħ u jdum ma jsewwes. Iċ-ċipressa tiflaħ għar-riħ, basta mhux bir-raxx tal-baħar, u tintuża bħala lqugħ ir-riħ u għall-masġar kenni. Tiflaħ ukoll għan-nixfa u għalhekk fit-tmasġir tintuża bħala siġra tal-bidu. F'pajjiżna ilha tintuża - aktarx li xi siġar li hemm Sant'Anton għandhom mat-370 sena. Nafu wkoll li f'Wied Ħażrun kien hemm ċipressa fl-1621. Fl-aħħar 50 sena din is-siġra ntużat mhux ħażin fit-tmasġir.

**Dr Charles F. Grech**
masġar

# FALKO

Kumitat FALKO
Stefan Azzopardi, Matthew Borg Cardona, Carl Camilleri, Simon Sultana, Justin Vassallo.



## Ħbieb Falkuni,

Kemm rajtu tajr tal-priża f'Settembru? Il-ħarifa huwa żmien fejn l-għasafar jerġgħu lura lejn l-Afrika. L-għasafar jieħdu diversi rotot biex jaslu fid-destinazzjoni tagħhom u Malta qiegħda f'waħda minnhom. Għasafar li jinżlu mill-Italja għal Sqallija jistgħu jgħaddu minn fuq Malta biex jibqgħu sejrin lejn it-Tuneżija.

Għalhekk postijiet bħall-Buskett huma importanti ħafna. Dawn l-għasafar ifittxu s-siġar biex jorqdu u jistrieħu wara l-vjaġġ minn fuq il-baħar. Barra minn hekk il-Buskett huwa żona protetta, jiġifieri ma tistax issir kaċċa fih.

Però bil-meravilji tan-natura qatt ma tista' tobsor x'se tara. Darba minnhom mill-Għolja tas-Salib (qrib ħafna l-Buskett) fil-bidu ta' Settembru rajna arpa (osprey) ġejja mill-lvant u sejra dritt lejn il-Buskett. Għaddiet fil-qrib ħafna tal-berdwoċers u stajna naraw xi ħaġa mhux tas-soltu! F'saqajha kienet qiegħda ġġor ħuta mdaqqsa, li x'aktarx irnexxielha taqbad mill-baħar. L-arpa rajnieha nieżla għal fuq siġra fil-wied tal-Buskett biex tkun tista' tiekol il-ħuta bil-kwiet. Mhix ħaġa komuni li tara xena bħal din.

In-natura għandha ħafna x'toffri, anke fil-gżejjer żgħar ta' Malta. Toħroġ kemm toħroġ fil-kampanja dejjem tistgħu taraw xi ħaġa ġdida. B'garanzija!

Saħħa

*Matthew*

**Matthew Borg Cardona**
Ko-ordinatur Falko



l-ikel ta' l-arpa huwa l-ħut

## AttiVità FaLKO

## Mixja f'Għawdex



| | |
|---|---|
| data: | il-Ħadd **18 Nov 2007** |
| niltaqgħu: | ċ-**Ċirkewwa** |
| ħin: | **8.30am** |
| età: | membri Falko 13+ |
| ċemplu: | Matthew - **99886811** |
| ġibu: | **ikel** u **xorb** |





www.merlinlibrary.com
mail@merlinlibrary.com

merlin library
the name in publishing and bookselling since 1964

An unbelievable range of books
to suit all tastes at the best prices

merlin library
Mountbatten Str. Blata l-Bajda HMR 08

T: 21 234438
21 221205
F: 21 221135



xuxet San Ġwann



qarsu



eucalyptus



kamaleonti

**Insemmu ħafna l-biodiversità u fuq kemm għandna nħarsu l-pjanti u annimali ta' madwarna. Temmnu li waħda mill-ikbar problemi ambjentali ġejja minn pjanti u annimali stess?!**

# ALJENI

Elisabeth Conrad

Fihom infushom l-annimali u l-pjanti m'għandhom xejn ħażin. Il-ħażin huwa meta l-bniedem iċaqlaqhom minn post għall-ieħor, Tgħiduli: X'fiha b'daqshekk?

Il-problemi b'dan iċ-ċaqliq ta' speċi huma diversi. L-ewwelnett, speċi mdaħħlin f'post ġdid se jikkompetu ma' l-ispeċi [1]indiġeni. Barra mill-ambjent naturali tagħhom, l-ispeċi [2]aljeni spiss ikollhom vantaġġ għax ma jsibux x'jikkontrollahom, bħal predaturi. B'hekk jintilef il-bilanċ li kien hemm fl-ekosistema u spiss ibatu l-ispeċi tal-post.

## GWAJ FIL-HAWAII

Wieħed mill-ikbar diżastri ambjentali li ġraw mill-indħil ta' speċi aljeni seħħ fil-gżejjer Hawaii. Il-Hawaii darba kellhom biodiversità kbira u unika. Minħabba li predaturi, bħal sriep, qatt ma waslu l-Hawaii, xi għasafar u insetti tilfu l-bżonn li jtiru u biż-żmien ġwinħajhom ċkienu u ma baqgħux tajbin għat-titjir. Minħabba li ċerti insetti bħal nemel ma waslux fil-Hawaii, diversi pjanti tilfu l-bżonn li jipproteġu l-weraq, u għalhekk biż-żmien spiċċalhom ix-xewk. Kollox kien ward u żahar... sakemm tfaċċa l-bniedem!

Mal-wasla tal-bniedem inbidel kollox. Man-nies daħlu fil-Hawaii diversi insetti, ġrieden, għasafar, ħnieżer, klieb, qtates, fniek u annimali oħrajn. Dawn għamlu ħerba mill-flora u l-fawna tal-Hawaii, li ftit kellhom difiża. In-nies ġabu wkoll u telqu (jew ħarbulhom) sriep, li qerdu ħafna speċi ta' għasafar, ħafna minnhom [3]endemiċi. It-354 speċi indiġeni ta' dubbien *Drosophila* qed jinqerdu minħabba li ddaħħlu insetti oħrajn. Diversi pjanti qed jintilfu minħabba pjanti oħrajn, bħall-banana poka vine. Il-lista ta' diżastri hija twila ħafna, u għadha qed tikber.

| |
|---|
| L-iktar 8 speċi invażivi tad-dinja |
| • **crazy ant** |
| • **brown tree snake** |
| • **small Indian mongoose** |
| • **Nile perch** |
| • **strawberry guava** |
| • **water hyacinth** |
| • **zebra mussel** |
| • **brushtail possum** |
| IUCN, 2001 |

## IL-KAŻ TA' L-INDJAN

Każ ieħor klassiku huwa l-każ tal-mangusta Indjana (Indian mongoose). Dan daħħluh apposta f'xi pajjiżi suppost biex jikkontrolla l-ġrieden u firien. Però min daħħlu nesa dettal importanti: il-mangusta toħroġ bi nhar, waqt li l-firien joħorġu bil-lejl! Li ġara kien li flok il-firien, il-mangusta daret għal speċi indiġeni u qerdet ħafna minnhom!

## ANKE HAWN MALTA

Il-problema ta' flora u fawna aljeni qed taffettwa l-ekosistemi kollha tad-dinja, u tiġri anke f'Malta. Tafu li żewġ pjanti komuni ħafna fil-pajsaġġ Malti mhumiex Maltin? Il-QARSU nġab mill-Afrika t'Isfel u s-siġra ta' l-EWKALIPTUS inġabet mill-Awstralja. Għadna lanqas nafu l-ħsara kollha li għamlu dawn l-aljeni lill-flora indiġena. L-ewkaliptus, per eżempju, fiha kimika li ma tħallix pjanti oħrajn jikbru viċin tagħha. Speċi oħra li malajr tinvadi l-ambjent hija XUXET SAN ĠWANN, li qed tinfirex fl-ekosistema speċjalment ta' l-irdumijiet.

## RISKJU KBIR

L-intenzjonijiet tal-bniedem meta jdaħħal pjanti jew annimali s-soltu jkunu tajbin, u mhux bi ħsieb vandalu. Imma li ddaħħal annimal jew pjanta aljena huwa dejjem riskju kbir li spiss ikollu konsegwenzi koroh għall-flora u fawna indiġena.

Imma ftit ftit qed nitgħallmu. Illum-il ġurnata f'ħafna pajjiżi d-dwana tagħmel kontrolli kbar fuq l-importazzjoni ta' pjanti u annimali. Diġà saret ħafna ħsara u rridu noqogħdu attenti li ma nkabbrux il-problema. Irridu niftakru li n-natura kienet taf x'inhi tagħmel meta poġġiet ċerti speċi f'postijiet u mhux f'oħrajn!

[1]**indiġenu**: annimal jew pjanta li dejjem kien jinsab f'post, eż: ir-rand indiġenu għal Malta
[2]**aljen**: annimal jew pjanta li nġab minn art oħra, eż: il-kamaleonti huwa aljen għal Malta, għax ġabuh in-nies mill-Afrika ta' Fuq.
[3]**endemiku**: annimal jew pjanta li ssibhom biss f'post wieħed, eż: widnet il-baħar hija endemika għall-Gżejjer Maltin.

# Nilagħbu tikka

Janet u Amy Gerardi

Did-darba għandkom taħbila kliem. Fil-kaxxa hemm moħbijin **24 kelma**, u qegħdin mimdudin jew weqfin, bil-quddiem jew b'lura. Il-lista qiegħda hawn taħt. Ħudu gost.

| | |
|---|---|
| BOSK | STEPPA |
| ILMA | XAGĦRI |
| ĦAJT | MAKKJA |
| GĦAR | ĦAMRIJA |
| WIED | GĦADIRA |
| XATT | RISERVA |
| BLAT | KONIFERI |
| TAFAL | KAMPANJA |
| FAWNA | INDIĠENI |
| BAĦAR | EKOLOĠIJA |
| LIKENI | EKOSISTEMA |
| MASĠAR | GĦARAM TARRAMEL |

| | | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| E | K | O | S | I | S | T | E | M | A | Y | I | L | M | A |
| R | S | E | S | M | T | T | S | K | R | K | E | P | A | X |
| K | O | N | I | F | E | R | I | R | I | D | B | X | K | S |
| A | B | B | O | S | P | E | L | S | D | R | A | B | K | O |
| M | X | L | B | D | P | R | U | T | A | M | Ħ | A | J | T |
| P | F | A | W | N | A | A | Y | P | Ħ | D | A | P | A | S |
| A | M | T | I | Z | K | Ġ | X | A | G | Ħ | R | I | L | U |
| N | L | P | E | Y | L | S | A | A | V | R | E | S | I | R |
| J | D | G | D | U | G | A | T | T | B | A | G | D | K | A |
| A | G | Ħ | A | R | A | M | T | A | R | R | A | M | E | L |
| P | T | A | D | E | K | O | L | O | Ġ | I | J | A | N | E |
| E | L | R | Y | Y | K | I | N | E | Ġ | I | D | N | I | T |
| Ħ | A | M | R | I | J | A | L | A | F | A | T | O | B | L |



Mhux billi għandi ħafna saqajn, għax kull fejn immur xorta nasal tard! Ħeqq, indum wisq biex nilbes il-kalzetti u ż-żarbun...



## Għal kull membru li ddaħħal fil-Klabb inti tieħu

- **3 pitazzi tal-BirdLife**
- **stiker bil-kulur**



bufula ta' l-imrewħa

Ħajjar lil sħabek u lil ħutek jidħlu fi Klabb Ħuttaf...
Tihom kopja ta' dil-formola biex jimlewha...
Imla isfel ħett id-dettalji tiegħek stess...
Ibgħat kollox lil BirdLife Malta,
flimkien mat-**Lm3** (€6.99) tal-membru l-ġdid.

**Dettalji tal-membru l-ġdid/a**

isem u kunjom ____________________

indirizz ____________________

____________________ postcode ________

data tat-twelid ________ telefon ________ imejl ________

skola ____________________

**Dettalji tiegħek stess**

isem u kunjom ____________________

indirizz ____________________

____________________ postcode ________

membership number ________ telefon ________ imejl ________

skola ____________________

Ibgħat kollox lil **BirdLife Malta 57/28 Triq Abate Rigord, Ta' Xbiex XBX 1120**
Tibgħatx flus bil-posta, imma ċekk (pagabbli lil BirdLife Malta) jew inkella 38 bolla tat-8ċ (jekk self-adhesive aħjar!).

**Tqattax il-magażin - agħmel kopja!**

# Ir-Ramla l-Ħamra ħa' tibqa' tħaddar!



Fir-Ramla l-Ħamra hemm ambjent rari ħafna fil-Gżejjer Maltin: l-għaram tar-ramel (sand dunes)

Joe Sultana

Proġett ikrah ta' bini li kien ħa jirvina r-Ramla l-Ħamra f'Għawdex **twaqqaf**. Għall-erwieħ!!! Wara l-ferħa li ħadna meta ssalvat ix-Xagħra l-Ħamra, din hija rebħa oħra għall-ambjent naturali ta' Malta. Issa rridu nistinkaw biex inwaqqfu proġetti oħrajn tal-biża' li jridu jeqirdu iktar ġmiel naturali f'pajjiżna. Fost dawn hemm mostru li jrid jitwieled f' Ta' Ċenċ u ieħor li jrid jitwieled f'Ħonqod ir-Rummien.

# Bejjet l-ewwel agrett abjad!



L-agrett abjad spiss iżurna, imma s'issa kien għadu qatt ma bejjet.

Denis Cachia



il-bejta ta' l-agrett abjad

Ray Galea

Dis-sena bejjet f'pajjiżna għall-ewwel darba l-**agrett abjad**. Dan huwa għasfur komuni fil-passa li spiss jinżlu qtajja' minnu l-Għadira, is-Simar, is-Salini jew max-xtut. Imma qatt ma nafu li bejjet. Dis-sena ħdejn is-Salini par agretti bnew bejta f'siġra u biedu tliet bajdiet. B'xorti ħażina wieħed mill-ġenituri sparixxa (probabbli qatlu xi kaċċatur). Il-ġenitur l-ieħor baqa' jżur il-bejta, imma l-bajd spiċċa ma faqqasx. X'ħasra...

# Ktieb Ġdid!




Lm 6
€13.98

- Ktieb dwar in-natura f'Għawdex
- Miktub mill-esperti
- Kulur minn qoxra sa qoxra
- 176 paġna
- Iktar minn 400 ritratt
- Tagħrif fuq 161 pjanta u 122 annimal
- Maħruġ minn BirdLife Malta

*Għall-bejgħ mingħand il-**BirdLife** jew minn ħwienet tal-kotba ewlenin.*